# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 38**

19 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| | | Kunsillier |

SKUŻAT:-

| | |
|---|---|
| Is-Sur Anthony Grech Sant | ( AGS ) |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**38.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

38.1.1. Is-Sindku DSH ressqet ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier AGS. Il-Kunsill qabel li għandu jkun skużat.

**38.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

38.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tas-sebgħa u tletin (37) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

38.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 37.3.4.2 li għandha taqra "għamel riferenza qabel l-aħħar laqgħa biex ikun hemm iktar ħarsien fuq il-Fosos".

38.2.3. Il-Kunsillier JAE propona li materja nru 37.18.6 titneħħa minħabba li d-deċiżjoni kienet ripetuta.

38.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 37.5.1 li għandha taqra "attività tal-Car Free Day".

38.2.5. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (AD, VB, JAE, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

38.2.6. Il-Viċi Sindku VB jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-logo tal-lokalita'. Il-Kunsillier AD qal li għandu jitkellem mal-Kunsillier JAE sabiex jara eżatt x'irid isir.

38.2.7. Il-Viċi Sindku VB staqsa jekk kienux intbagħtu l-minuti tal-Forum tal-President għar-Riġenerazzjoni tal-Floriana . Is-SE wieġbet li kienet għadha ma rċevithomx u li għandha tibgħat il-minuti appena tirċevihom.

38.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 37.8.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-mapep fil-Waterfront. Is-Sindku DSH wieġbet li s-Sur Stephen Xuereb kien talab li ssir laqgħa li għandha tinżamm nhar l-24 t'Ottubru f'nofsinhar.

**38.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

38.3.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li tixtieq tesprimi solidarjetà mal-familja tas-Sinjura Caruana Galizia in vista wkoll li binha llum hu residenti fil-Floriana. Il-Kunsill ingħaqad b'mod unanimu sabiex juri s-sogħba għall-mewt tagħha.

38.3.2. Is-SE informat lill-Kunsill li matul il-laqgħa tal-ANSEK li nżammet il-ġurnata ta' qabel, is-Segretarji Eżekuttivi kienu ġew informati li l-paġna ta' Facebook tal-Kunsill għandha tkun amministrata mis-SE u li l-kunsillieri jkunu biss *users*. Is-SE informat ukoll li tliet xhur qabel elezzjoni, il-paġna ta' Facebook ma tkunx tista' tibqa' tintuża mill-kunsillieri.

**38.4 RAPPORTI**

38.4.1. Is-SE MLL ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv. Is-Sindku DSH spjegat li abbozz tiegħu kien ġa ntbagħat lill-Kunsilliera.

38.4.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni ta’ dan ir-rapport, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, AD, DSH, JAE)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**38.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

38.5.1. Il-Kunsillier AD staqsa jekk tistax tintbagħat korrispondenza uffiċjali lill-ARMS dwar il-meter tan-niċċa. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat korrispondenza liċ-Chairman direttament.

38.5.2. Is-SE informat lill-Kunsill li l-bieba tan-niċċa kienet għadha ma ġietx irranġata. Hija spjegat is-sitwazzjoni u l-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jirranġa l-bieba tan-niċċa sabiex jiġi evitat il-periklu.

38.5.3. Il-Kunsillier AD għamel riferenza għall-kompetizzjoni tal-fotografija li nżammet fl-okkażjoni ta’ Ġenna ta’ Ġonna u ppropona li tittella’ esebizzjoni fid-Dar tal-Kunsill bir-ritratti parteċipanti.

38.5.3.1. Is-Sindku DSH proponiet li l-esebizzjoni issir fil-ġimgħa tal-festa liturġika ta’ San Publju, f’Jannar. Hija qalet li l-Ġimgħa 19 ta’ Jannar tiġi organizzata attivita’ fid-Dar tal-Kunsill u għalhekk il-fotografi jkunu jistgħu jiġu mistiedna wkoll għal din l-attivita’. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li għandu jikkomunika mal-Arċipriet.

38.5.3.2. Il-Kunsillier AD propona wkoll li jinżammu tliet *lectures* mal-fotografi li pparteċipaw kif ukoll li għas-sena d-dieħla jiġi kkunsidrat li tittella’ esebizzjoni ġimgħa qabel Ġenna ta’ Ġonna. Il-Kunsill qabel.

38.5.4. Il-Kunsillier AD propona li tintbagħat ittra ta’ ringrazzjament lill-President tal-MIPP kif ukoll lis-Sur Keith Ellul li serva ta’ Chief Judge fil-kompetizzjoni. Il-Kunsill qabel.

38.5.4.1. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li s-Sur Johan Debono kien skuża ruħu għan-nuqqas ta’ parteċipazzjoni f’isem il-Malta Photographic Society.

38.5.5. Il-Viċi Sindku VB propona li jibda’ jitqassam fuljett żgħir fid-djar li jkun jinkludi l-affarijiet li jkunu qed isiru jew għadhom kif saru mill-Kunsill. Huwa qal li ħafna mir-residenti ma jkunux jafu x’ħidma qed iwettaq il-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

38.5.6. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill b’talba sabiex il-pavimentar li hemm quddiem l-iSptar Sir Paul Boffa ikun wieħed *wheelchair friendly*. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din il-proposta lis-Supretendent tal-iSptar Boffa.

38.5.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għat-triq ta’ quddiem il-Waterfront u qal li hemm bżonn li tingħata l-attenzjoni.

38.5.7.1. Is-SE qalet li kienet tkellmet mal-Perit li nfurmaha li din it-triq kellha bżonn *reconstruction.*

38.5.7.2. Is-Sindku DSH qalet li kien hemm toroq, uħud minnhom residenzjali, li kienu ta’ prijorità ikbar minn din.

38.5.7.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jieħu nota ta’ din it-triq u jressaqha mal-lista ta’ toroq li qed jiġu proposti lill-Gvern Ċentrali sabiex jiġu rranġati.

38.5.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u qal li hemm bżonn li jsir xi ħaġa dwar il-*pitch* fiċ-Ċentru Rikreattiv Re George V.

38.5.8.1. Is-Sindku DSH qalet li l-manutenzjoni u l-irranġar tal-piċċ sintetiku ser jiġi nkorporat fil-proġett li ser jsir fuq iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Hija qalet li s-sitwazzjoni tal-piċċ kienet evidenti u għalhekk sta għal min ikun preżenti jekk jużahx jew le.

38.5.8.2. Il-Kunsillier JAE propona li t-tabella ta' *Play at your own risk* li diġà hemm titressaq x'imkien fejn tkun iktar viżibbli. Il-Kunsill qabel.

38.5.8.3. Is-Sindku DSH qalet li piċċ sintetiku bħal dak ma jistax jitħalla miftuħ mingħajr sorveljanza għal siegħat sħaħ.

38.5.8.4. Il-Viċi Sindku VB ippropona li l-piċċ jingħalaq jekk qiegħed f'sitwazzjoni fejn ma jistax jintuża. Il-Kunsill ma qabilx li jingħalaq kompletament iżda qabel li t-tabella għandha tkun ċara li min jużah, ikun qed jużah a riskju tiegħu.

38.5.8.5. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jara jekk il-ħaddiema tal-Kunsill jistgħux jagħmlu xi ħaġa temporanja biex titwaħħal il-biċċa turf sintetiku li hemm maqlugħa.

38.5.9. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li kien ġie avviċinat minn Grupp Ħidma San Publju li talbu li l-Kunsill sabiex ikellem lill-Ministru Owen Bonnici dwar il-bżonn ta' manutenzjoni taz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li kien hemm fondi allokati speċifikament għal dawn l-affarijiet li setgħu jibbenefikaw minnhom l-għaqdiet. Is-Sindku DSH qalet li diġà kienu nżammu diversi laqgħat dwar dan u li għandha tkun l-għaqda li tieħu inizjattiva u tapplika għal dawn il-fondi.

## 38.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI;

38.6.1. Ma kienx hemm rapporti.

## 38.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

38.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 32/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

38.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija u l-proposti t'hawn fuq, bir-riżultat ikun favur nem con.

38.7.2. Is-Sindku DSH informat li l-Kunsill kien irċieva ċirkolari dwar il-laqgħa tas-Sindki. Is-Sindku DSH u l-Viċi Sindku VB ikkonfermaw l-attendenza tagħhom filwaqt li l-Kunsillier JAE qal li għandu jikkonferma fil-ġranet li ġejjin.

## 38.8 MOZZJONIJIET;

38.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**38.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

38.9.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kienu ntalbu kwotazzjonijiet għal-għamara ġdida fl-uffiċċju tas-SE. Il-Kunsill approva x-xiri tal-għamara.

38.9.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-ilmenti relatati mal-kuntrattur ta' ġbir ta' skart goff. Hija qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur u jidher li s-sitwazzjoni kienet ġiet iċċarata u kien intlaħaq ftehim.

38.9.3. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-gandott li hemm fi Triq San Publju u qalet li kienet intalbet kwotazzjoni sabiex dan jitranġa. Hija qalet li l-kwotazzjoni kienet tammonta għal €13,240.30 eskluż VAT. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-Ministru Ian Borg u jitlob l-għajnuna tal-Ministeru u dan minħabba li l-gandott għandu bżonn jiġi *reconstructed* u mhux jiġi msewwi filwaqt li qiegħed f'żona li mhiex frekwentata mir-residenti iżda l-aktar mill-komunita' tan-negozji u l-uffiċini.

38.9.4. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għat-tender tal-gabbana tal-KGV u qalet li kien hemm bżonn li jsiru xi bidlet żgħar fid-dokument sabiex ma jerġax ikun hemm problemi. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Avukat tiegħu sabiex jieħu ħsieb dak li hemm bżonn isir.

**38.10 KORRISPONDENZA**

38.10.1. **TALBA MINGĦAND ANNA MARIA GALLO**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Anna Maria Gallo fejn talbet permess sabiex torganizza *open gymnastic club* għat-tfal li jinżamm darba f'ġimgħa fil-piċċ sintetiku ż-żgħir. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u laqa' t-talba.

38.10.2. **PREMJU ŻAGĦŻUGĦ TAS-SENA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Moviment Kerygma fejn informaw lill-Kunsill bil-Premju Żagħżugħ tas-Sena. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċirkola din il-korrispondenza lill-Kappella San Publju, lill-MUSEUM u lill-Arċipriet sabiex il-Kunsill ikun jista' jressaq in-nominazzjoni tiegħu.

38.10.3. **KORRISPONDENZA MINN FRIENDS OF THE EARTH**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Friends of the Earth li talbu l-għajnuna tal-Kunsill sabiex tkun tista' titkattar in-naħla Maltija. Huma ssuġġerew li jagħmlu *hives* maġenb il-fjuri u kien ġie suġġerit li jintuża il-Ġnien ta' bejn il-Bieb tal-Bombi u l-funtana tal-Iljun, fuq in-naħa meta wieħed ikun dieħel lejn il-Belt u dan sabiex ma jkunx hemm periklu għat-tfal. IS-SE qalet li huma kienu talbu wkoll li jsiru stands b'informazzjoni dwar in-naħal u l-*pollination*. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u jissuġġerixxi li dawn l-istands isiru għaż-żmien tar-Rebbiegħa meta ż-żmien ikun iktar opportun.

38.10.4. **JUM DINJI TAT-TFAL**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal dwar il-Jum Dinji tat-Tfal fejn ipproponew li l-lokalita' tipparteċipa f'dan il-għan. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mas-Surmast tal-iSkola Primarja sabiex it-tfal jipparteċipaw billi jagħmlu tpinġijiet li mbagħad jittellgħu fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill.

38.10.5. **TALBA MIS-SURMAST TAL-ISKOLA PRIMARJA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Surmast tal-iSkola Primarja fejn offrew lill-Kunsill sabiex ittella' attività b'mod konġunt matul il-Jum Dinji tat-Tfal. Il-Kunsill li jkun konġunt mal-iskola waqt l-attivita' li tkun ser issir waqt din l-attività.

38.10.6. **PROGRAMM FUQ NET TV DWAR RIĠENERAZZJONI TAL-FLORIANA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-ġurnalist Robert Cremona fejn offra lill-Kunsill sabiex jipparteċipa fi programm li ser jittella' fuq Net TV dwar ir-riġenerazzjoni tal-Floriana. Is-Sindku żiedet tgħid li d-diskussjoni kienet ser tkun waħda ta' natura soċjali. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'dan il-programm.

38.10.7. **TWETTIQ TA' PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'ċirkolari mibgħuta rigward twettiq ta' proġetti fil-komunità mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'joħroġ mil-laqgħa li ser tinżamm fil-jiem li ġejjin qabel ikompli jiddiskuti.

38.10.8. **APPROVAZZJONI TAL-ESTENSJONI TAL-PERSUNA NOMINATA MILL-KUNSILL BĦALA DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bl-approvazzjoni tal-estensjoni tal-persuna nnominata mill-Kunsill bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

38.10.9. **INIZJATTIVA: TETRA GĦALL-ISTRINA**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill bl-inizjattiva organizzata minn GreenMT Tetra għall-Istrina fejn ser jinġabru pakketti tetra mil-lokalita' u skont l-ammont miġbur, GreenMT tagħti donazzjoni għall-Istrina. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa.

38.10.10. **URBAN IMPROVEMENT FUNDS**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Urban Improvement Funds kienu telgħu għal €307,790. Is-SE żiedet tgħid li kienu bdew preparamenti mal-Perit rigward il-proġett propost.

38.10.11. **EUROPEAN DESTINATIONS OF EXCELLENCE AWARDS**

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta rigward European Destinations of Excellence Award. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem ma' Larkin Bonnici sabiex jingħata iktar dettalji.

**38.11** **3RD QUARTER 2017 FINANCIAL STATEMENTS**

38.11.1. Is-SE ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart.

38.11.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u ssekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport bir-riżultat ikun favur b'mod unanimu.

## 38.12 FESTIVAL TAN-NAR MEKKANIZZAT 2018

38.12.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi nformat lill-Kunsill bil-laqgħa li nżammet mal-organizzatur tal-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

38.12.2. Is-Sindku DSH qalet ukoll li kien ġie diskuss li jkun hemm emenda fil-kundizzjonijiet fejn titneħħa l-alternattiva li l-festival jittella' t-Tnejn f'każ li jkun maltemp is-Sibt u l-Ħadd. Il-Kunsill qabel.

38.12.3. Is-Sindku DSH qalet li kienet intalbet ukoll l-għajnuna tal-V18 dwar materjal u reklamar għall-festival.

## 38.13 ĠENNA TA' ĠONNA

38.13.1. Is-Sindku DSH qalet li l-edizzjoni ta' din is-sena kienet waħda ta' suċċess u li kien hemm konkorrenza sabiħa. Hija qalet li kien ġie nnotat tnaqqis min-numru ta' nies li għamlu użu mill-Vintage Bus.

38.13.2. Il-Viċi Sindku VB propona li fl-edizzjoni li jmiss jitwaħħlu sinjali ċari li jindikaw il-postijiet t'interess. Il-Kunsill approva.

38.13.3. Is-Sindku DSH proponiet li l-Kunsill jaħdem sabiex jestendi Triq il-Miratur u proponiet ukoll li jiżdiedu xi attivitajiet fil-KGV.

38.13.4. Is-SE proponiet li l-attivita' tiġi reklamata aktar fil-Waterfront u li jiġu distribwiti leaflets hemmhekk ukoll matul il-ġimgħa ta' qabel l-attività.

38.13.5. Is-Sindku DSH proponiet li l-Kunsill jinvolvi iktar lill-artisti tal-lokalita'. Il-Kunsillier JAE qal li s-Sur Franco Navarro kien għaddilu xi suġġerimenti, fosthom li s-Sala Robert Samut tintuża għal xi wirja ta' arti u mużika. Il-Kunsill qabel.

38.13.6. Is-Sindku DSH proponiet li fl-edizzjoni li jmiss, tingħalaq Triq San Publju. Il-Kunsill qabel.

38.13.7. Is-SE proponiet ukoll li għall-edizzjoni li jmiss, ikun hemm gabbana antika li toffri prodotti tipikament tradizzjonali Maltin bħal kafè bl-anizetta, kafè tal-istanjata, imqaret u pastini tar-raħal.

38.13.8. Il-Kunsillier JAE qal li r-rispons tal-parteċipanti kien wieħed tajjeb ukoll.

## 38.14 CLEAN UP DAY

38.14.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-attività tal-Clean Up Day u qalet li kienet tinsab iddispjaċuta li l-għaqdiet lokali ma kienux ipparteċipaw. Hija qalet ukoll li tħoss li l-għaqdiet għandhom jirreċiprokaw l-għajnuna li dejjem sabu mill-Kunsill.

38.14.2. Il-Viċi Sindku VB issuġġerixxa li l-Kunsill jinvolvi wkoll lir-residenti f'dawn l-attivitajiet.

38.14.3. Is-Sindku żiedet titlob ukoll il-konkorrenza tal-kunsillieri matul kull stadju tal-attività inkluż l-armar u ż-żarmar.

## 38.15 ATTIVITAJIET GĦALL-ISTRINA

38.15.1. Is-Sindku DSH informat li kienet inżammet laqgħa mal-President ta' Malta fejn ġew informati b'attivitajiet li ser jittellgħu għall-Istrina. Is-Sindku qalet li ser jintrama tapit fil-Belt Valletta u li kull

kunsill ingħata allokazzjoni ta’ tletin minuta sabiex jesebixxi il-personaġġi tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f’din l-attività.

38.15.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina u ppropona li din l-attività tittella’ fi żmien il-festa sabiex ma jaħbtux ħafna attivitajiet simili flimkien. Il-Kunsill qabel.

**38.16 INNU KUNSILL LOKALI U JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA**

38.16.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-proposta ta’ innu tal-Kunsill Lokali u qalet li kienet ikkonfermat mill-Banda Filarmonika Vilhena li qatt ma kien sar innu tal-Floriana. Is-Sindku qalet li għalhekk kellha tiltaqa’ mas-Surmast Heathcliff Balzan fil-jiem li ġejjin sabiex tiddiskuti l-proposta għal dan l-innu.

38.16.2. Is-Sindku DSH qalet li kienet tkellmet ukoll mas-Sur Alfred Farrugia, membru fis-Soċjetà Storja u Kultura li kien informaha li l-ewwel riferenza għal-lokalita’ kienet tmur lura għad-data 9 ta’ Mejju 1724. Il-Kunsill qabel li għandu jirrikonoxxi din id-data bħala Jum it-Twelid tal-Floriana. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob laqgħa mas-Soċjetà Storja u Kultura sabiex jiġi diskuss x’jista’ jsir biex jiġi kkomemmorat dan il-jum.

**38.17 INSTALLAZZJONI TA’ CAMERA ĦDEJN IL-YOUNG FALCONS CLUB**

38.17.1. Is-Sindku DSH ipproponiet li tiġi installata kamera ta’ sorveljanza maġenb il-Young Falcons Club sabiex jitnaqqas l-abbuż mid-drogi f’dawn l-inħawi. Il-Kunsill qabel filwaqt li kien ser jindaga tistax tintalab għajnuna u l-koperazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa sabiex l-imsemmija kamera tiġi installata maċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u jiġi provdut internet għaliha minn hemm stess.

**38.18 PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V**

38.18.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-fondi tal-Urban Improvement li jista’ jibbenefika minnhom il-Kunsill. Hija qalet ukoll li kienu intbagħtu d-dokumenti kollha neċessarji lill-Perit u nformat li għandha tinżamm laqgħa mal-Perit, mal-KNPD u l-MCCA sabiex jiġi assigurat li l-proġett isir bl-istandards rakkomandati.

38.18.2. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għat-tabelli ta’ No Smoking li hemm fil-KGV u qal li dawn kienu ċċaraw u kien hemm bżonn li jinbidlu. Il-Kunsill qabel iżda li għandhom isiru appena jitlesta l-proġett tal-ġnien.

38.18.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tabelli tal-Floriana Heritage Trail. Is-Sindku wieġbet li l-uffiċċju kien għadu qed jiġbor il-kwotazzjonijiet.

**38.19 TALBA MRESSQA MINN MEMBRU TAL-ISTAFF**

38.19.1. Is-Sindku DSH ressqet talba minn membru tal-istaff tal-Kunsill a bażi tal-PSMC (Work-Life Balance) sabiex taħdem ġurnata u nofs bit- *telework* minħabba ċirkostanzi fil-familja tagħha. Il-Kunsill approva l-applikazzjoni billi kkunsidra li hi kapaċi żżomm standards ta’ kwalita’ u effiċjenza f’ xogħolha waqt li ma tkunx preżenti fl-uffiċċju u li l-assenza tagħha mill-uffiċċju ma jkolliex impatt fuq is-servizzi li jagħti l-Kunsill.

**38.20 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

38.20.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2017 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum 16 ta' Novembru 2017.**

Davina Sammut Hili
Sindku

M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv